**L-isport favorit tiegħi**

L-isport favorit tiegħi huwa n-*Netball*. In-*Netball* huwa sport ta' barra. Jien qiegħda fit-tim tan-*Netball* ta' Wied il-Għajn.

F'tim tan-*Netball* hemm seba' players. Dawn huma 'goal attack', 'goal defence', 'goal keeper', 'wing attack', 'wing defence', u 'centre'. Logħba *Netball* iddum siegħa maqsuma f'erba' taqsimiet ta' kwarta kull waħda. Fl-imgħoddi, in-*Netball* kien jintlagħab l-aktar fl-iskejjel tal-bniet.

L-Awstralja u New Zealand huma żewġ pajjiżi kbar ħafna li ddominaw in-*Netball*. Jien naf li n-*Netball* huwa sport li jixbah il-*Basketball*, li ġej mill-*Korfball* u li l-plejers huma ristretti għaż-żona partikolari tal-*court*. L-ewwel kampjonat dinji tan-*Netball* sar fl-elf, disa' mija u tnejn u sittin.

In-*Netball* huwa l-isport favorit tiegħi għax iżommni 'l bogħod mill-għażż u għaldaqstant iżommni b'saħħti.

Huwa importanti li kulħadd ikollu l-isport favorit tiegħu għaliex l-isport jgħinna biex inżommu 'l bogħod mill-vizzji koroh li jistgħu jeqirdulna ħajjitna. Barra minn hekk l-isport jgħinna nifirħu bil-logħob, nilagħbu flimkien, nitgħallmu nċedu u naċċettaw telfa. Għalhekk jien ngħid li l-isport għandu sehem meħtieġ fl-edukazzjoni tagħna.